# Il-Ħadd 15.02.2015

1. It-Tlieta 17/02:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.
   - Mill-10:00am sas-2:00pm, ser issir Ħarġa għall-Abbatini. Nitilqu minn fejn il-knisja.

2. L-Erbgħa 18/02, **l-Erbgħa ta' l-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:
   - Fis-6:30pm tibda l-quddiesa li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib f'dan iż-żmien speċjali għall-Knisja, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied, sinjal ta' indiema u penitenza.
   - *Matul ir-Randan tintalab il-Via Sagra kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.*

   **Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza**:
   B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza għandna nifhmu li wieħed:
   i) ma jiekolx laħam;
   ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku;
   iii) ma jpejjipx;
   iv) irażżan l-infiq; u
   v) jiċċaħħad minn xi divertiment.
   Dan sabiex juża l-ħin aħjar ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi:
   vi) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-Via Saġra;
   vii) jitlob aktar mal-famlija, eż. ir-Ružarju;
   viii) jaqra l-Bibbja;
   ix) jagħti karità; u
   x) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom.

3. Il-Ġimgħa 20/02:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.

4. Is-Sibt 21/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

5. Il-Ħadd 22/02, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan**.

6. It-Tnejn 23/02:
   - Fis-7:00pm ser issir Laqgħa għall-Animaturi, Qarrejja u dawk li jieħdu ħsieb il-Mużika u l-Kant organizzata mill-Kummissjoni Liturġija. Nitolbu l-attendenza u l-koperazzjoni ta' kulmin jagħti dawn is-servizzi.

7. Il-Ħamis 26/02:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-kappella ta' Selmun fejn ikollna Quddiesa, u wara Breakfast f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 500 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.